**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0245/2021**

20.7.2021

# RAPPORT

dwar riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi (inkluża r-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta)
(2020/2258(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq



*Magħquda fid-diversità*

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..............................................................................................19

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................22

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi (inkluża r-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta)**
**(2020/2258(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 113, 115 u 116 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri rigward il-kodiċi ta' kondotta dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi, adottata fl-1 ta' Diċembru 1997[1] bil-għan li titwaqqaf il-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fi ħdan l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-Promozzjoni ta' governanza tajba fil-kwestjonijiet tat-taxxa" (COM(2009)0201),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea: Ħames Oqsma Ewlenin għal Azzjoni" (COM(2015)0302),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2016 dwar strateġija esterna għal tassazzjoni effettiva (COM(2016)0024),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016 rigward il-kodiċi ta' kondotta dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2016 dwar miżuri ulterjuri biex jittejbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa (COM(2016)0451), li tinkludi spjegazzjoni tal-proċess ta' elenkar tal-UE għall-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa li ma jikkooperawx,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 dwar il-kriterji u l-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa,

– wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) tal-5 ta' Diċembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi): il-

---

[1] L-Anness I tal-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) tal-1 ta' Diċembru 1997 dwar il-politika tat-tassazzjoni – Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, laqgħa fi ħdan il-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 rigward il-kodiċi ta' kondotta dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi, ĠU C 2, 6.1.1998, p. 2.
[2] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/08/ecofin-conclusions-code-conduct-business-taxation/

programm ta' ħidma matul il-Presidenza Portugiża[3] tad-9 ta' Frar 2021,

– wara li kkunsidra l-aġġornament l-aktar reċenti tal-Kunsill għal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa tas-26 ta'Frar 2021[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li Tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupru" (COM(2020)0312),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 dwar Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa fl-UE u lil hinn minnha (COM(2020)0313),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (BKTK)[5] u dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK)[6],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2021 bit-titolu "It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21" (COM(2021)0251),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili[7], tas-6 ta' Lulju 2016 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili[8], u tas-26 ta' Marzu 2019 dwar il-kriminalità finanzjarja, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2015 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar li ndaħħlu t-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fil-politiki dwar it-taxxa fuq il-kumpaniji fi ħdan l-Unjoni[10],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar ir-riforma tal-lista tal-UE tar-rifuġji fiskali[12] u l-mistoqsijiet tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar ir-riforma tal-lista tal-UE tar-rifuġji fiskali (O-000082/2020 – B9-0002/2021 u O-000081/2020 – B9-0001/2021),

– wara li kkunsidra s-segwitu mogħti mill-Kummissjoni għar-riżoluzzjonijiet u r-

[3] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6004-2021-INIT/en/pdf
[4] ĠU C 331, 7.10.2020, p. 3 u ĠU C 66, 26.2.2021, p. 40.
[5] ĠU C 162, 10.5.2019, p. 181.
[6] ĠU C 162, 10.5.2019, p. 151.
[7] ĠU C 366, 27.10.2017, p. 51.
[8] ĠU C 101, 16.3.2018, p. 79.
[9] ĠU C 108, 26.3.2021, p. 8.
[10] ĠU C 399, 24.11.2017, p. 74.
[11] ĠU C 369, 11.10.2018, p. 132.
[12] Testi adottati, P9_TA(2021)0022.

rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew imsemmija hawn fuq[13],

– wara li kkunsidra r-rapport imħejji għall-Kummissjoni miċ-Ċentru għar-Riċerka Ekonomika Ewropea (ZEW) GmbH bit-titolu "The Impact of Tax Planning on Forward-Looking Effective Tax Rates" (L-Impatt tal-Ippjanar tat-Taxxa fuq Rati tat-Taxxa Effettivi li Jħarsu 'l Quddiem)[14],

– wara li kkunsidra r-rapport imħejji għall-Kummissjoni bit-titolu "Aggressive tax planning indicators" (Indikaturi tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa)[15],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "An overview of shell companies in the European Union" (Ħarsa ġenerali lejn il-kumpaniji fittizji fl-Unjoni Ewropea), ippubblikat fis-17 ta' Ottubru 2018 mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari[16],

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Frar 2021 tal-Bord ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Obbligu ta' Rendikont Finanzjarju Internazzjonali, it-Trasparenza u l-Integrità għall-Kisba tal-Aġenda tal-2030 (il-Bord tal-FACTI) bit-titolu "Financial Integrity for Sustainable Development" (Integrità Finanzjarja għal Żvilupp Sostenibbli)[17],

– wara li kkunsidra l-ħidma li għaddejja bħalissa tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS) dwar l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni,

---

[13] Is-segwitu konġunt għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji) li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar li ndaħħlu t-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fil-politiki dwar it-taxxa korporattiva fi ħdan l-Unjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (Kumitat Speċjali dwar id-Deċiżjonijiet fil-Qasam tat-Taxxa u Miżuri Oħra ta' Natura jew Effett Simili (TAXE 1)) dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili, adottat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Marzu 2016; is-segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (Kumitat Speċjali dwar id-Deċiżjonijiet fil-Qasam tat-Taxxa u Miżuri Oħra ta' Natura jew Effett Simili (TAX2)) dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili, adottat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 2016; is-segwitu għar-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew (Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' kontravvenzjoni u ta' amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni b'rabta mal-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa (PANA)) tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, adottat mill-Kummissjoni f'April 2018; u s-segwitu tas-27 ta' Awwissu 2019 għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Finanzjarja, l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Evitar tat-Taxxa (TAX3)) dwar il-kriminalità finanzjarja, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa.

[14] Dokumenti dwar it-Tassazzjoni, Dokument ta' Ħidma Nru 64, 31 ta' Awwissu 2016, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/taxation_customs/system/files/2016-11/taxation_paper_64.pdf

[15] Dokumenti dwar it-Tassazzjoni, Dokument ta' Ħidma Nru 71, Istitut għall-Istudji Avvanzati f'konsorzju ma' CPB u DONDENA, 2017, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/taxation_customs/system/files/2018-03/taxation_papers_71_atp_.pdf

[16] Kiendal Krišto, I. u Thirion, E., *An overview of shell companies in the European Union (Ħarsa ġenerali lejn il-kumpaniji fittizji fl-Unjoni Ewropea)*, il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, l-Unità tal-Evalwazzjoni *Ex Post* u l-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew, 17 ta' Ottubru 2018, disponibbli fuq: https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/155724/EPRS_STUD_627129_Shell%20companies%20in%20the%20EU.pdf

[17] https://www.un.org/pga/75/wp-content/uploads/sites/100/2021/02/FACTI_Panel_Report-compressed.pdf

– wara li kkunsidra l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu dwar il-ġlieda kontra l-użu ta' entitajiet u arranġamenti fittizji għal finijiet ta' taxxa[18],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali bit-titolu "Taxing Multinationals in Europe" (It-Taxxa tal-Kumpaniji Multinazzjonali fl-Ewropa)[19],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (id-"Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa I" jew "ATAD I")[20] u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/952 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi ("ATAD II")[21],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (id-"Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties")[22],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (id-"Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji")[23],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (id-"Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-Qasam tat-Tassazzjoni" jew "DAC 1")[24], id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC 3")[25], id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC 4")[26] u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli ("DAC 6")[27],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-

[18] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12999-L-evitar-tat-taxxa-il-glieda-kontra-l-uzu-ta%E2%80%99-entitajiet-u-arrangamenti-fittizji-g%C4%A7al-finijiet-ta%E2%80%99-taxxa_mt
[19] Crivelli, E., De Mooij, R., De Vrijer, J.E.J., Hebous, S., Klemm, A., *Taxing Multinationals in Europe (It-Taxxa tal-Kumpaniji Multinazzjonali fl-Ewropa)*, 2021 (https://www.imf.org/en/Publications/Departmental-Papers-Policy-Papers/Issues/2021/05/25/Taxing-Multinationals-in-Europe-50129)
[20] ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1.
[21] ĠU L 144, 7.6.2017, p. 1.
[22] ĠU L 157, 26.6.2003, p. 49.
[23] ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8.
[24] ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1.
[25] ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1.
[26] ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8.
[27] ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1.

0245/2021),

A. billi mill-1997, il-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi kien l-istrument primarju tal-Unjoni għall-prevenzjoni ta' miżuri tat-taxxa dannużi; billi l-miżuri tat-taxxa dannużi huma definiti fil-Kodiċi ta' Kondotta bħala miżuri (inklużi prattiki amministrattivi) li jaffettwaw, jew jistgħu jaffettwaw, b'mod sinifikanti l-post tal-attività kummerċjali fl-Unjoni, u li jipprevedu livell ta' tassazzjoni ferm aktar baxx minn dawk li ġeneralment japplikaw fl-Istat Membru kkonċernat;

B. billi, skont ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tassazzjoni 2021, madwar EUR 36-37 biljun ta' introjtu mit-taxxa korporattiva jintilfu kull sena minħabba l-evitar tat-taxxa fl-UE[28];

C. billi l-politiki kontra l-evitar tat-taxxa wasslu għal tnaqqis fir-reġimi preferenzjali madwar id-dinja kollha, b'mod partikolari fl-Unjoni; billi, skont l-Azzjoni 5 tal-BEPS tal-OECD, reġim preferenzjali huwa reġim li joffri xi forma ta' preferenza tat-taxxa meta mqabbel mal-prinċipji ġenerali tat-tassazzjoni fil-pajjiż rilevanti; billi preferenza offruta minn reġim tista' tieħu firxa wiesgħa ta' forom, inklużi tnaqqis fir-rata tat-taxxa jew bażi tat-taxxa jew termini preferenzjali għall-ħlas jew ħlas lura tat-taxxi[29]; billi tfaċċaw forom ġodda ta' prattiki dwar it-taxxa dannużi , b'mod partikolari permezz tat-trasformazzjoni ta' reġimi preferenzjali f'reġimi ġenerali aggressivi;

D. billi l-ippjanar aggressiv tat-taxxa jikkonsisti f'li wieħed jieħu vantaġġ mit-teknikalitajiet ta' sistema ta' tassazzjoni jew mid-diskrepanzi bejn żewġ sistemi ta' tassazzjoni jew aktar bl-iskop ta' tnaqqis fit-taxxa dovuta; billi l-miżuri tat-taxxa m'għandhomx jimpedixxu inizjattivi mmexxija mill-privat li jippermettu tkabbir sostenibbli; billi skont riċerka empirika l-livell effettiv ta' tassazzjoni huwa aktar baxx għal kumpaniji multinazzjonali kbar milli għall-SMEs domestiċi[30];

E. billi l-ħidma mwettqa mill-Unjoni kontra l-prattiki dwar it-taxxa dannużi tinkludi l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni, liġi mhux vinkolanti, u kooperazzjoni intergovernattiva; billi l-Parlament huwa kkonsultat fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u jirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri f'dak il-qasam;

F. billi t-tħassib dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi inħoloq fl-Unjoni fil-bidu tas-snin 90 meta twaqqaf Kumitat ta' Esperti Indipendenti u ta rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar it-taxxa korporattiva fl-UE (ir-"Rapport Ruding")[31]; billi fl-1997 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stabbilixxa Kodiċi ta' Kondotta dwar it-

---

[28] Annual Report on Taxation 2021 - Review of taxation policies in the EU Member States (Rapport Annwali dwar it-Tassazzjoni 2021 - Rieżami tal-politiki tat-tassazzjoni fl-Istati Membri tal-UE) (https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/db46de2a-b785-11eb-8aca-01aa75ed71a1)

[29] OECD (2015), *Countering Harmful Tax Practices More Effectively, Taking into Account Transparency and Substance, Action 5* - 2015 Final Report (*Il-Ġlieda Kontra Prattiki Dwar it-Taxxa Dannużi b'Mod Aktar Effettiv, B'Kunsiderazzjoni tat-Trasparenza u s-Sustanza, Azzjoni 5* - 2015 Rapport Finali), Proġett OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitti, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi http://dx.doi.org/10.1787/9789264241190-en

[30] Ir-rapport tal-FMI, *Taxing Multinationals in Europe (It-Taxxa fuq il-Kumpaniji Multinazzjonali fl-Ewropa)*, 2021: https://www.imf.org/en/Publications/Departmental-Papers-Policy-Papers/Issues/2021/05/25/Taxing-Multinationals-in-Europe-50129

[31] Disponibbli fuq: https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/0044caf0-58ff-4be6-bc06-be2af6610870

Tassazzjoni tal-Intrapriżi; billi ġie stabbilit Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fil-Kunsill biex jivvaluta l-miżuri tat-taxxa li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta; billi r-riċerka empirika[32] tissuġġerixxi li l-biċċa l-kbira tad-dħul li jitilfu b'mod kollettiv l-Istati Membri tal-UE mit-taxxa korporattiva jispiċċa għand Stati Membri tal-UE oħra minflok għand pajjiżi terzi; jissottolinja li l-kawża ewlenija għal dan it-telf ta' dħul hija n-nuqqas ta' azzjoni leġiżlattiva kontra l-prattiki ta' taxxa aggressivi intra-UE u l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża;

G. billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta għandu l-għan li jivvaluta l-miżuri tat-taxxa li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta u huwa spazju għall-kooperazzjoni u għar-rieżami bejn il-pari ta' reġimi ta' dannu potenzjali fl-UE; billi l-Kodiċi ta' Kondotta kiseb xi awtorità fost l-Istati Membri li tpoġġi pressjoni mill-pari biex iwettqu riforma, u b'effett riflessiv, fuq pajjiżi terzi biex jikkooperaw fil-qafas tal-proċess ta' elenkar tal-UE;

H. billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kien effiċjenti biex jiskoraġġixxi r-reġimi tat-taxxa preferenzjali; billi l-kompetizzjoni fit-taxxa fl-Ewropa jidher li influwenzat il-waqgħa fir-rati tat-taxxa korporattiva li ġab ir-rata medja Ewropea tat-taxxa korporattiva taħt ir-rata medja fil-pajjiżi tal-OECD[33]; billi l-Kodiċi ta' Kondotta kkontribwixxa għall-prevenzjoni ta' kompetizzjoni tat-taxxa aggressiva bejn l-Istati Membri billi stabbilixxa prinċipji għal kompetizzjoni ġusta; Billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta naqas milli jeqred l-arranġamenti tat-taxxa inġusti offruti minn xi Stati Membri lil kumpaniji kbar, bħal arranġamenti ta' prezzijiet antiċipati dannużi ("deċiżjonijiet tat-taxxa"), u l-vantaġġ kompetittiv inġust konsegwenzjali maħluq; billi l-aħħar evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ffukaw fuq ir-reġimi tal-proprjetà intellettwali (IP); billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta għadu ta' natura purament intergovernattiva;

I. billi ż-żewġ pilastri tal-ftehim globali futur huma konformi mal-viżjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' tassazzjoni tal-intrapriżi espressa fil-komunikazzjoni reċenti tagħha bit-titolu "It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21"; billi f'dik il-komunikazzjoni l-Kummissjoni ħabbret proposta għal direttiva li se tirrifletti r-Regoli Mudell tal-OECD bl-aġġustamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pilastru II dwar tassazzjoni effettiva minima;

J. billi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta rnexxielu jiftaħ djalogu ma' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li huma mistiedna jħassru l-prattiki dwar it-taxxa dannużi tagħhom sabiex jevitaw li jiġu inklużi f'lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (il-"lista tal-UE"); billi l-lista trid tkun strument li jiskoraġġixxi lill-prattiki dwar it-taxxa dannużi minn ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi sabiex tiġi ppreservata kompetizzjoni globali ġusta; billi l-lista attwali tal-UE tinkludi biss 12-il ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi[34] u b'dispjaċir tħalli barra ċerti rifuġji fiskali famużi; billi l-lista tal-UE hija stabbilita abbażi tal-kriterji ddefiniti fil-Kodiċi ta' Kondotta;

[32] Tørsløv, T., Wier, L., u Zucman, G., *The Missing Profits of Nations (Il-Profitti Nieqsa tan-Nazzjonijiet)*, Dokument ta' Ħidma, April 2020, disponibbli minn https://missingprofits.world/.
[33] FMI, op.cit. 2021.
[34] Is-Samoa Amerikana; Anguilla; Dominica; Fiġi; Guam; Palau; Panama; Samoa; Trinidad u Tobago; il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti; Vanuatu; is-Seychelles.

K. billi l-kriterji għal-lista tal-UE għadhom diverġenti minn dawk użati fil-kuntest tar-rieżami bejn il-pari tal-UE tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi, filwaqt li ż-żewġ valutazzjonijiet jitwettqu mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta; billi sitt Stati Membri rċevew Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tas-sistema tat-taxxa tagħhom kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa;

L. billi l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa fl-UE u lil hinn minnha u tipprevedi riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta u titjib fil-lista tal-UE;

M. billi l-pandemija tal-COVID-19 poġġiet lill-ekonomija tal-UE fl-agħar reċessjoni tagħha fi żminijiet moderni, b'sinjali ta' rkupru li bdew jidhru biss dan l-aħħar; ifakkar li, bħala parti mir-rispons tagħhom għall-pandemija tal-COVID-19, il-gvernijiet madwar l-Unjoni malajr introduċew miżuri tat-taxxa biex jipprovdu likwidità kemm lin-negozji kif ukoll lill-unitajiet domestiċi[35], u dan irriżulta f'inqas introjtu mit-taxxa għall-Istati Membri; billi t-tassazzjoni tal-intrapriżi għandha tkun għodda biex tappoġġa l-irkupru permezz ta' regoli tat-taxxa sempliċi, stabbli u favur l-SMEs li ma jfixklux l-irkupru ekonomiku b'piż tat-taxxa eċċessiv;

*Il-politiki attwali tal-UE li jindirizzaw il-prattiki dwar it-taxxa dannużi fl-Unjoni*

1. Jinnota li diversi skandli tat-taxxa, b'mod partikolari LuxLeaks, il-Panama Papers, il-Paradise Papers u, aktar reċentement, ir-rivelazzjonijiet OpenLux, kif ukoll il-pressjoni pubblika u parlamentari, taw spinta lill-aġenda politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi; jisħaq li l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa jirriżultaw f'telf inaċċettabbli ta' dħul sostanzjali għall-Istati Membri, li bħalissa huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi devastanti tal-pandemija; ifakkar fl-istimi konservattivi mill-OECD dwar il-BEPS li tiswa madwar 4-10 % ta' dħul mit-taxxa korporattiva globali, jew USD 100-240 (EUR 84-202) biljun fis-sena[36]; ifakkar li l-istimi tal-Parlament tal-evitar tat-taxxa korporattiva jvarjaw minn EUR 160 sa 190 biljun meta jitqiesu kemm il-BEPS kif ukoll reġimi oħra tat-taxxa[37]; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni regolari tal-iskala tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;

2. Jilqa' l-azzjonijiet sinifikanti meħuda fil-livell tal-UE u f'dak internazzjonali biex jissaħħu l-prinċipji dwar it-trasparenza tat-taxxa, tiġi miġġielda l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, u jiġi żgurat li l-miżuri kontra l-prattiki dwar it-taxxa dannużi jiġu rispettati; jilqa' l-ftehim interistituzzjonali li ntlaħaq dwar id-direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat (rappurtar pubbliku pajjiż b'pajjiż); jistenna bil-ħerqa l-adozzjoni rapida mill-Kunsill tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari sabiex id-direttiva tkun tista' tiġi adottata u tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun; jenfasizza l-varjetà ta' strumenti tal-UE adottati biex jindirizzaw l-prattiki dwar it-taxxa dannużi fl-Unjoni, li jinkludu l-ATAD I u II, id-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties, id-Direttiva

[35] Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport Annwali dwar it-Tassazzjoni 2021
[36] https://www.oecd.org/tax/beps/
[37] Drover, R., Ferrett, B., Gravino, D., Jones, E. u Merler, S. , *Bringing transparency, coordination and convergence to corporate tax policies in the European Union (Inġibu t-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fil-politiki tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni Ewropea)*, il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka Parlamentari, l-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew, 24 ta' Novembru 2015. Disponibbli fuq: https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/558773/EPRS_STU(2015)558773_EN.pdf

dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji, id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-Qasam tat-Tassazzjoni, u, b'mod partikolari, id-DAC 3, 4 u 6 (dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa, ir-rapportar pajjiż b'pajjiż u r-regoli obbligatorji ta' divulgazzjoni għall-intermedjarji), id-diversi rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew li jittrattaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;

3. Ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprovdi standards minimi għal azzjonijiet kooperattivi u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni; jappoġġa aktar diskussjonijiet fost l-Istati Membri sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni; jisħaq li għandha ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ xierqa tar-regoli eżistenti; jenfasizza li fl-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE, livelli adegwati ta' taxxa kif ukoll liġijiet tat-taxxa sempliċi u ċari joħolqu l-impjiegi, itejbu l-kompetittività tal-UE, u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; jirrikonoxxi li l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni biex jiddeċiedu dwar il-politika tat-tassazzjoni tagħhom kif iqisu xieraq, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tagħhom stess; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni;

4. Jinnota li l-Kodiċi ta' Kondotta jaħdem fuq il-premessa li, filwaqt li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa fost il-pajjiżi mhijiex problematika *per se*, jeħtieġ li jkun hemm prinċipji komuni dwar sa liema punt jistgħu jużaw ir-reġimi u l-politiki tat-taxxa tagħhom biex jattiraw in-negozji u l-profitti. jenfasizza li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li kemm in-natura kif ukoll il-forma tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa nbidlu b'mod sostanzjali matul l-aħħar żewġ deċennji u li l-Kodiċi ta' Kondotta ma evolviex biex jilqa' l-isfidi l-ġodda, u dan qed jitfa' pressjoni fuq il-pedamenti proprja tal-ġustizzja[38];

5. Jilqa' d-dimensjoni interna u esterna tal-ħidma mwettqa mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fuq il-prattiki dwar it-taxxa dannużi; jinnota li d-dimensjoni esterna tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi hija prinċipalment indirizzata mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta bl-applikazzjoni tal-kriterju tat-"Tassazzjoni Ġusta"; iqis li l-proċess tal-elenkar tal-UE jeħtieġ li jiġi riformat; jirrakkomanda li dan il-proċess ikun formalizzat fid-dritt tal-UE, notevolment permezz ta' strument vinkolanti; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni biex tivvaluta l-koerenza bejn il-kriterji dgħajfa dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi applikati għall-Istati Membri u l-kriterji aktar ibsin, b'mod partikolari dwar is-sustanza ekonomika, applikati għal ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi fil-proċess ta' elenkar; jenfasizza li l-kriterju tat-"Trasparenza" għandu jiġi rrispettat ukoll mill-Istati Membri skont l-implimentazzjoni tad-Direttiva DAC; jinnota li l-influwenza tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-prattiki dwar it-taxxa dannużi madwar id-dinja tiddependi mill-eżempju tagħha fit-territorju tagħha stess; jilqa' f'dan ir-rigward it-tħabbira dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-użu abbużiv ta' kumpaniji tal-isem u jistenna bil-ħerqa l-proposta dwar regoli sostantivi dwar kumpaniji tal-isem imsemmija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21", bil-għan li jiġu indirizzati l-opportunitajiet ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa marbuta mal-użu ta' kumpaniji bl-ebda preżenza sostanzjali jew b'attività ekonomika reali f'territorju;

[38] COM(2020)0313.

6. Jinnota l-fatt li mill-1997 il-Kodiċi ta' Kondotta għat-Tassazzjoni tal-Intrapriżi kien l-istrument primarju tal-Unjoni biex tiġi evitata kompetizzjoni tat-taxxa dannuża; ifakkar li fl-1998 inħoloq Forum dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi fl-OECD bil-kompitu li jimmonitorja u jirrieżamina l-prattiki tat-taxxa, u b'enfasi fuq il-karatteristiċi tar-reġimi tat-taxxa preferenzjali; jenfasizza li l-evalwazzjonijiet tal-Forum dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi għandhom impatt determinanti fuq il-kwalifika ta' reġimi dannużi fil-proċess ta' elenkar tal-UE; jitlob li l-Kodiċi ta' Kondotta jibqa' indipendenti mill-Forum dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi meta jivvaluta l-prattiki dwar it-taxxa dannużi;

***Rakkomandazzjonijiet għal ħidma futura tal-UE fuq il-prattiki dwar it-taxxa dannużi***

7. Jenfasizza r-riforma proposta tal-Pilastru II tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS (Qafas Inklużiv), li għandha l-għan li tindirizza l-isfidi li fadal marbuta mal-BEPS u li tistabbilixxi regoli li jagħtu lill-ġurisdizzjonijiet dritt li jintaxxaw lura meta ġurisdizzjonijiet oħra ma jkunux eżerċitaw id-drittijiet ta' tassazzjoni primarji tagħhom jew inkella l-ħlas ikun soġġett għal livelli baxxi ta' tassazzjoni effettiva, li jiġu miġġielda il-prattiki dwar it-taxxa dannużi u li tiġi imposta rata tat-taxxa effettiva[39]; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, kunsens miftiehem fuq livell globali li jkun konformi mal-interessi tal-Unjoni f'li jkun hemm prinċipji u standards tat-taxxa sempliċi u ġusti;

8. Jinnota l-momentum il-ġdid fin-negozjati tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 maħluq mill-proposti reċenti tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti, kif ukoll il-ftehim reċenti tal-G7, li jista' jiffaċilita ftehim dwar il-Pilastru II sa nofs l-2021, li jiġbor flimkien aktar minn 130 pajjiż; jikkondividi l-impenn tal-G7 mit-13 ta' Ġunju 2021 "għal taxxa minima globali ta' mill-inqas 15 % fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż" bħala bażi għal aktar negozjati;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq valutazzjoni tal-impatt tal-eżitu futur tan-negozjati internazzjonali dwar it-taxxa; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi soluzzjoni simili għas-soluzzjoni tal-Pilastru II dwar it-tassazzjoni effettiva minima, kemm jekk jintlaħaq ftehim fil-livell tal-Qafas Inklużiv tal-OECD kif ukoll jekk le;

10. Jitlob li tiġi adottata definizzjoni ta' "livell minimu ta' sustanza ekonomika", kompatibbli mal-istandard globali tal-OECD u l-ħidma sussegwenti relatata mal-Azzjoni 5 tal-BEPS, preferibbilment abbażi ta' approċċ formulajku, u li tevolvi progressivament maż-żidiet fid-dħul irrapportat; jipproponi li tali kriterju jista' jintuża biex jiġi vvalutat jekk reġim tat-taxxa huwiex potenzjalment dannuż; ifakkar li l-Kummissjoni tqis il-possibbiltà ta' rekwiżiti ġodda ta' sustanza u indikaturi ta' attività ekonomika reali għall-fini tar-regoli tat-tassazzjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar "It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21"; jenfasizza r-rekwiżit tas-sustanza ekonomika diġà inkluż fil-kriterju ta' "Tassazzjoni Ġusta" tal-lista tal-UE; iqis, madankollu, li dan il-kriterju jħalli lok għall-interpretazzjoni u għadu vag wisq, peress li xorta jippermetti li

[39] Proġett dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti tal-OECD/G20, *Tax Challenges Arising from Digitalisation – Report on Pillar One Blueprint: Inclusive Framework on BEPS (Sfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni – Rapport dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ewwel Pilastru: Qafas Inklużiv dwar il-BEPS)*, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2020, p. 12. Disponibbli fuq: https://www.oecd.org/tax/beps/tax-challenges-arising-from-digitalisation-report-on-pillar-two-blueprint.pdf

r-rifuġji fiskali magħrufa jitneħħew mil-lista wara riformi *de minimis*;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi linji gwida dwar kif għandhom jitfasslu inċentivi tat-taxxa ġusti u trasparenti b'inqas riskji ta' distorsjoni tas-Suq Uniku, u li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u jiffavorixxu l-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari billi jiġu osservati t-tip (abbażi tal-profitt jew abbażi tal-ispejjeż), in-natura temporali (temporanja jew permanenti), il-limitazzjoni ġeografika (żoni ekonomiċi) u l-intensità (eżenzjonijiet sħaħ jew parzjali) ta' inċentivi bħal dawn; jieħu nota ta' studju kkummissjonat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tnaqqis tar-rati tat-taxxa korporattiva u l-impatt tiegħu fuq id-dħul u t-tkabbir[40];

12. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li standard minimu futur ta' tassazzjoni globali għandu jiġi kkunsidrat fil-Kodiċi tal-Kondotta irrispettivament minn jekk ikunx instab kunsens fil-livell globali jew le, biex jiġi żgurat li n-negozji kollha jħallsu l-ammont ġust tagħhom ta' taxxa meta jiġġeneraw profitti fis-suq uniku[41]; josserva li l-Kummissjoni dan l-aħħar ħabbret fil-komunikazzjoni tagħha dwar "It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21" proposti leġiżlattivi li se jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pilastru II fil-livell tal-Unjoni, fosthom reviżjoni tal-ATAD biex jiġu adattati r-regoli tal-Kumpaniji Barranin Ikkontrollati għar-Regola tal-Inklużjoni tal-Introjtu maqbula fil-Pilastru II, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties, ir-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-introduzzjoni tal-Pilastru II fil-kriterji użati għall-valutazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-elenkar tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiggarantixxi li r-regoli ta' implimentazzjoni dwar rata tat-taxxa effettiva minima jitfasslu mingħajr spejjeż ta' konformità eċċessivi; jifhem li, b'mod ġenerali, ir-rata tat-taxxa effettiva nazzjonali ta' kwalunkwe impriża kbira ma għandhiex taqa' taħt ir-rata minima, skont il-loġika tal-proposta attwali tal-Pilastru II;

13. Ifakkar li l-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties baqgħet imblukkata fil-Kunsill sa mill-2012, b'mod partikolari minħabba nuqqas ta' qbil dwar taxxa minima minn ras il-għajn; jistieden lill-Kunsill u lill-Presidenza jerġgħu jibdew in-negozjati f'dan ir-rigward;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li l-korporazzjonijiet multinazzjonali jiġu intaxxati abbażi ta' formula ġusta u effettiva għall-allokazzjoni tad-drittijiet tal-intaxxar bejn l-Istati Membri; jesprimi dispjaċir, f'dan ir-rigward, għall-fatt li l-Kunsill ma qabilx dwar il-BKTK u l-proposti tal-BKKTK; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġġusta l-iskeda ta' żmien tal-proposta leġiżlattiva futura għall-BEFIT għall-aġenda internazzjonali dwar it-taxxa; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' strateġija ċara biex jiġi żgurat li l-qafas il-ġdid għat-tassazzjoni tal-intrapriżi fl-Unjoni jikseb appoġġ mill-Istati Membri;

15. Jissottolinja li skont il-Fond Monetarju Internazzjonali[42], minkejja li r-rati tat-taxxa korporattiva kellhom xejra 'l isfel, il-ġbir tal-introjtu mis-CIT f'perċentwali tal-PDG

---

[40] Baert, P., Lange. F., Watson, J., *The Role of Taxes on Investment to Increase Jobs in the EU – An Assessment of Recent Policy Developments in the Field of Corporate Taxes (Ir-Rwol tat-Taxxi fuq l-Investiment biex Jiżdiedu l-Impjiegi fl-UE – Valutazzjoni tal-Iżviluppi tal-Politika Reċenti fil-Qasam tat-Taxxi Korporattivi)*, Mejju 2019.
[41] COM(2020)0313.
[42] https://www.elibrary.imf.org/view/journals/087/2021/012/article-A001-en.xml

baqa' kostanti b'mod sinifikanti maż-żmien, meta wieħed iqis iċ-ċiklu kummerċjali;

16. Jinsisti li l-implimentazzjoni futura ta' għodod ġodda tal-UE kontra l-prattiki dwar it-taxxa dannużi għandha tagħti prijorità lill-użu ta' strumenti vinkolanti u tesplora l-possibbiltajiet kollha offruti mit-TFUE li jippermettu li t-teħid ta' deċiżjonijiet ikun aktar effiċjenti; ifakkar li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 116 tat-TFUE tista' tiġi applikata meta prattiki tat-taxxa dannużi jkunu qed ifixklu l-kundizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern u li din id-dispożizzjoni tat-Trattat ma tbiddilx id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-effettività tas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi u ta' reġimi oħra tal-proprjetà intellettwali (PI) fl-ambitu tal-approċċ nexus il-ġdid definit mill-Azzjoni 5 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS rigward il-prattiki dwar it-taxxa dannużi, inkluż l-impatt tat-telf fid-dħul; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti fil-każ li l-evalwazzjoni tistabbilixxi nuqqas ta' impatt tar-reġimi tal-PI fuq attivitajiet ekonomiċi reali; jinnota li l-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti qed tipproponi li tħassar l-Introjtu Intanġibbli Derivat mill-Esportazzjoni ta' Prodotti (FDII) tagħha;

18. Jenfasizza li l-politiki tat-tassazzjoni tal-Istati Membri huma mmonitorjati permezz tas-Semestru Ewropew; jemmen li s-Semestru Ewropew jista' jiġi żviluppat aktar bħala għodda biex jiġi appoġġat it-trażżin tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa fi ħdan l-UE permezz tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż iddedikati;

***Ir-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi***

19. Jilqa' l-fatt li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta vvaluta 480 reġim sa mill-ħolqien tiegħu, filwaqt li qies madwar 130 reġim[43] bħala dannużi[44]; jirrikonoxxi li l-evalwazzjoni bejn il-pari tar-reġimi nazzjonali tat-taxxa mwettqa fil-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta kellha impatt fuq it-tnaqqis tal-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża u wasslet għal tnaqqis konsegwenzjali fir-reġimi tat-taxxa preferenzjali fi ħdan l-Unjoni; jantiċipa impatt simili potenzjali fil-livell globali permezz tal-proċess ta' elenkar tal-UE; iwissi, madankollu, dwar l-iżvilupp ta' reġimi mhux preferenzjali dannużi; iqis, għalhekk, li l-kriterji attwali li jiddefinixxu l-prattiki dwar it-taxxa dannużi fil-Kodiċi ta' Kondotta huma parzjalment skaduti minħabba l-enfasi tiegħu fuq ir-reġimi preferenzjali; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li tittejjeb l-effettività tal-Kodiċi ta' Kondotta fid-dawl tal-iskandli u l-isfidi attwali tat-taxxa bħall-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-importanza dejjem akbar tal-assi intanġibbli;

20. Jitlob li l-Kodiċi ta' Kondotta jagħmel użu sħiħ mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-mandat tiegħu; jistieden lill-Kunsill, madankollu, biex ikompli jirriforma l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat minnufih u fejn xieraq, u b'mod partikolari biex jeżamina l-indikaturi kollha ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa minn Stat Membru, inklużi l-karatteristiċi ġenerali ta' sistema tat-taxxa, biex jiddetermina jekk il-leġiżlazzjoni tiegħu tinkludix miżuri tat-taxxa dannużi; jistieden lill-Kunsill isegwi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2020 dwar Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa fl-UE u lil hinn minnha, li hija favur riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta fl-Unjoni;

[43] Skambju ta' fehmiet tas-Sottokumitat għall-Kwistjonijiet tat-taxxa (FISC) ma' Lyudmila Petkova, President tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, li sar fid-19 ta' April 2021.
[44] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9639-2018-REV-4/en/pdf

jinnota li dan diġà sar parzjalment mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, b'mod partikolari għar-reġimi ta' Tnaqqis ta' Mgħax Nozzjonali u r-Reġimi ta' Eżenzjoni ta' Introjtu minn Riżorsi Barranin u fil-qafas tal-proċess ta' elenkar tal-UE;

21. Jenfasizza li l-Kodiċi ta' Kondotta huwa strument ta' liġi mhux vinkolanti li l-għan tiegħu huwa li jippreserva qafas tat-taxxa tal-UE li jippermetti kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tat-tassazzjoni, abbażi ta' evalwazzjoni bejn il-pari u pressjoni bejn il-pari; jiddispjaċih, madankollu, għall-fatt li n-natura tal-Kodiċi ta' Kondotta mhix vinkolanti; jieħu nota tal-fatt li l-Istati Membri jistgħu jdewmu r-revoka u saħansitra jżommu reġim dannuż mingħajr ma jiffaċċjaw ebda riperkussjoni; jisħaq li d-dokumentazzjoni dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta għandha tkun disponibbli għall-pubbliku;

22. Jitlob reviżjoni tal-kriterji, il-governanza u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta permezz ta' strument vinkolanti mibni fuq l-arranġamenti intergovernattivi attwali u bi proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti; jemmen li r-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta għandha titwettaq bl-użu ta' proċess demokratiku, trasparenti u responsabbli u tinvolvi grupp ta' esperti magħmul minn esperti mill-qasam tas-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni u l-Parlament; jitlob li l-istrument rivedut jiġi applikat b'mod aktar trasparenti u effikaċi, u li jipprevedi parteċipazzjoni adegwata tal-Parlament fil-proċess tat-tfassil u l-adozzjoni ta' politiki u kriterji ġodda għall-ġlieda kontra l-prattiki dwar it-taxxa dannużi;

23. Iqis li r-riforma tal-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta hija kwistjoni urġenti u li għandha tinkorpora, bħala l-ewwel pass, kriterju effettiv tar-rata tat-taxxa f'konformità ma' rata minima tat-taxxa effettiva miftiehma internazzjonalment fil-futur fil-qafas tal-Pilastru II tal-Qafas Inkluživ, u rekwiżiti ta' sustanza ekonomiċi robusti u progressivi, filwaqt li tippermetti kompetizzjoni ġusta, li huwa eżitu ideali possibbli ta' sforz ambizzjuż, xprunat l-aktar mill-Unjoni u mill-Istati Uniti bħala s-sieħeb l-aktar importanti tagħha;

24. Iqis li firxa wiesgħa ta' fatturi ta' riskju potenzjali jistgħu potenzjalment jiffaċilitaw it-trasferiment tal-profitt, bħall-għadd ta' Entitajiet bi Skop Speċjali, ir-rilokazzjoni ta' assi intanġibbli u livelli għoljin ta' introjtu passiv (royalties, interessi, dividendi, eċċ.);

25. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni kif deskritta fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupru li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta biex tkopri aktar tipi ta' reġimi u aspetti ġenerali tas-sistemi nazzjonali tat-taxxa korporattiva; jirrakkomanda l-inklużjoni ta' reġimi preferenzjali tat-taxxa fuq l-introjtu personali, biex jiġu koperti skemi ta' ċittadinanza speċjali jew miżuri biex jiġu attirati individwi għonja u nomadi diġitali mobbli ħafna, li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet sinifikanti fis-suq uniku;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw "Qafas dwar Arranġamenti ta' Taxxa Aggressivi u Rati Baxxi" (FATAL) tul il-linji li ġejjin, u li jissostitwixxi l-Kodiċi ta' Kondotta attwali:

A. Mingħajr preġudizzju għall-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, dan il-qafas jikkonċerna dawk il-miżuri li jaffettwaw, jew jistgħu jaffettwaw, b'mod sinifikanti, il-post tal-attività kummerċjali fl-Unjoni u r-rilokazzjoni tal-introjtu personali, il-kapital u l-ġid (reġimi ta' tassazzjoni individwali).

L-attività kummerċjali f'dan ir-rigward tinkludi wkoll l-attivitajiet kollha mwettqa fi grupp ta' kumpaniji.

Il-miżuri tat-taxxa koperti mill-qafas jinkludu kemm il-liġijiet kif ukoll ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi.

B. Fil-kamp ta' applikazzjoni speċifikat fil-paragrafu A, miżuri tat-taxxa li jipprevedu livell effettiv ta' tassazzjoni sinifikament aktar baxx, inkluża tassazzjoni żero, minn dawk il-livelli li ġeneralment japplikaw fl-Istat Membru inkwistjoni jew taħt kwalunkwe livell minimu effettiv ta' taxxa miftiehem fil-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS jew f'fora internazzjonali fejn l-UE hija rappreżentata, għandhom jitqiesu bħala potenzjalment dannużi u għalhekk koperti minn dan il-kodiċi (kriterju primarju).

Tali livell ta' tassazzjoni jista' jopera bis-saħħa tar-rata tat-taxxa nominali, u/jew il-bażi tat-taxxa jew kwalunkwe fattur rilevanti ieħor li jiddetermina r-rata tat-taxxa effettiva.

Meta jiġi vvalutat jekk tali miżuri humiex dannużi, għandu jitqies, fost l-oħrajn:

1. jekk il-vantaġġi jingħataw biss lil nonresidenti jew fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jkunu twettqu ma' nonresidenti; jew

2. jekk il-vantaġġi humiex delimitati mis-suq domestiku, biex b'hekk ma jaffettwawx il-bażi tat-taxxa nazzjonali; jew

3. jekk il-vantaġġi jingħatawx anke mingħajr ebda attività ekonomika reali u preżenza ekonomika sostanzjali fl-Istat Membru li joffri tali vantaġġi tat-taxxa, kif definit mill-Kummissjoni Ewropea u abbażi ta' rekwiżit ta' sustanza proporzjonata li jevolvi progressivament hekk kif jiżdied l-introjtu rrapportat fl-Istat Membru kkonċernat. Se tingħata attenzjoni partikolari lir-reġimi tal-proprjetà intellettwali f'dan ir-rigward;

4. jekk ir-regoli għad-determinazzjoni tal-profitti fir-rigward ta' attivitajiet fi grupp ta' kumpaniji multinazzjonali jmorrux lil hinn mill-prinċipji aċċettati fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari r-regoli maqbula fl-OECD; jew

5. jekk il-miżuri tat-taxxa humiex nieqsa minn trasparenza, inkluż meta d-dispożizzjonijiet ġuridiċi jkunu inqas stretti fil-livell amministrattiv b'mod mhux trasparenti.

C. Fil-kamp ta' applikazzjoni speċifikat fil-paragrafu A, l-introjtu personali preferenzjali u r-reġimi tat-taxxa fuq il-kapital f'livell effettiv ta' tassazzjoni ferm aktar baxx b'mod sinifikanti, inkluża tassazzjoni żero, minn dawk il-livelli li ġeneralment japplikaw fl-Istat Membru inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala potenzjalment dannużi u għalhekk koperti minn dan il-kodiċi. Bl-istess mod, ir-reġimi ġenerali tat-taxxa fuq l-introjtu personali u fuq il-ġid li jwasslu għal distorsjoni tas-suq uniku jistgħu jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni u vvalutati.

Waqfien u żmuntar

Waqfien

D. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li ma jintroduċux miżuri tat-taxxa ġodda li huma ta' ħsara fis-sens ta' dan il-qafas. L-Istati Membri se jirrispettaw il-prinċipji sottostanti għall-qafas meta jiddeterminaw il-politika futura u se jqisu kif xieraq il-proċess ta' rieżami msemmi fil-paragrafi E sa I fil-valutazzjoni ta' jekk miżura ġdida tat-taxxa hijiex dannuża.

Żmuntar

E. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jeżaminaw mill-ġdid il-liġijiet eżistenti u l-prattiki stabbiliti tagħhom, filwaqt li jqisu l-prinċipji li fuqhom huwa bbażat il-qafas u l-proċess ta' rieżami deskritt fil-paragrafi E sa I. L-Istati Membri se jemendaw tali liġijiet u prattiki kif meħtieġ bil-ħsieb li jeliminaw kwalunkwe miżura dannuża mill-aktar fis possibbli filwaqt li jqisu d-diskussjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni wara l-proċess ta' rieżami.

Proċess ta' rieżami

Għoti ta' informazzjoni rilevanti

F. Skont il-prinċipji tat-trasparenza u l-ftuħ, l-Istati Membri se jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar miżuri tat-taxxa eżistenti u proposti li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu fuq talba ta' Stat Membru ieħor informazzjoni dwar kwalunkwe miżura tat-taxxa li tidher li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas. Meta l-miżuri tat-taxxa previsti jeħtieġu approvazzjoni parlamentari, tali informazzjoni ma għandhiex għalfejn tingħata qabel it-tħabbira tagħhom lill-Parlament. Ir-reġimi li se jiġu evalwati taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas għandhom jiġu nnotifikati għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

Valutazzjoni tal-miżuri dannużi

G. Kwalunkwe Stat Membru jista' jitlob l-opportunità li jiddiskuti u jikkummenta dwar miżura tat-taxxa ta' Stat Membru ieħor li tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas. Dan jippermetti li ssir valutazzjoni dwar jekk il-miżuri tat-taxxa inkwistjoni humiex dannużi, fid-dawl tal-effetti li jista' jkollhom fl-Unjoni. Dik il-valutazzjoni se tqis il-fatturi kollha identifikati fil-paragrafi B u C.

H. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li f'dik il-valutazzjoni jiġu evalwati bir-reqqa l-effetti li l-miżuri tat-taxxa għandhom fuq Stati Membri oħra, fost l-oħrajn, fid-dawl ta' kif l-attivitajiet ikkonċernati huma effettivament intaxxati madwar l-Unjoni kollha.

Sa fejn il-miżuri tat-taxxa jintużaw biex jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni partikolari, se ssir valutazzjoni ta' jekk il-miżuri humiex proporzjonati mal-għanijiet imfittxija, u mmirati lejhom. Fil-valutazzjoni ta' dan, se tingħata attenzjoni partikolari lill-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi u tal-gżejjer żgħar, mingħajr ma jiġu mminati l-integrità u l-koerenza tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni. Tali

valutazzjoni tqis ir-rekwiżiti minimi progressivi ta' preżenza ekonomika sostanzjali kif definiti fil-paragrafu B.

Proċedura

I. Il-Kunsill u l-Kummissjoni se jistabbilixxu b'mod konġunt grupp biex jivvaluta l-miżuri tat-taxxa li jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-qafas u jissorvelja l-forniment ta' informazzjoni dwar dawk il-miżuri. Il-Kunsill jistieden lil kull Stat Membru u lill-Kummissjoni jaħtru rappreżentant ta' livell għoli u viċi rappreżentant għal dan il-grupp, li se jkun ippresedut minn rappreżentant ta' Stat Membru. Il-grupp, li se jiltaqa' regolarment, se jagħżel u jirrieżamina l-miżuri tat-taxxa għall-valutazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi E sa G. Il-grupp se jirrapporta regolarment dwar il-miżuri vvalutati. Dawn ir-rapporti se jintbagħtu lill-Kunsill għal deliberazzjoni u, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, jiġu ppubblikati. Id-dokumenti għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament fuq talba u jiġu żvelati ladarba l-proċess ta' evalwazzjoni jintemm.

Infurzar

J. L-Istati Membri huma intitolati li jimplimentaw kontromiżuri li jnaqqsu l-inċentivi għall-evitar tat-taxxa jekk Stat Membru jonqos milli jwettaq żmuntar ta' reġim li jkun ġie vvalutat bħala dannuż fil-kuntest ta' dan il-qafas fi żmien sentejn, u b'mod partikolari:

a) il-fatt li l-ispejjeż ma jkunux jistgħu jitnaqqsu;

b) miżuri ta' taxxa minn ras il-għajn;

c) eżenzjoni mil-limitazzjoni ta' parteċipazzjoni;

d) rekwiżiti ta' dokumentazzjoni speċjali, speċjalment fir-rigward tal-ipprezzar ta' trasferiment;

Estensjoni ġeografika

K. Il-Kunsill iqis li huwa rakkomandabbli li l-prinċipji li għandhom l-għan li jabolixxu miżuri tat-taxxa dannużi għandhom jiġu adottati fuq bażi ġeografika wiesgħa kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-adozzjoni tagħhom f'pajjiżi terzi; huma jimpenjaw ruħhom ukoll li jippromwovu l-adozzjoni tagħhom f'territorji li għalihom ma japplikax it-Trattat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiddependu minn kriterji dwar it-trasparenza tat-taxxa, it-tassazzjoni ġusta u l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-BEPS biex tiġi stabbilita lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx. Il-kriterji ta' tassazzjoni ġusta għandhom ikunu bbażati fuq fatturi identifikati fil-paragrafi B u C ta' dan il-qafas.

L. L-Istati Membri b'territorji dipendenti jew assoċjati, jew li għandhom responsabbiltajiet speċjali jew prerogattivi ta' tassazzjoni fir-rigward ta' territorji oħra, jimpenjaw ruħhom, fil-qafas tal-arranġamenti kostituzzjonali tagħhom, li jiżguraw li dawn il-prinċipji jiġu applikati f'dawk it-territorji. F'dan ir-rigward, dawk

l-Istati Membri se jieħdu kont tas-sitwazzjoni fil-forma ta' rapporti lill-grupp imsemmi fil-paragrafu H, li se jivvalutahom skont il-proċedura ta' reviżjoni deskritta hawn fuq.

Monitoraġġ u reviżjoni

M. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi u effettiva tal-qafas, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lura kull sena dwar l-implimentazzjoni tiegħu u dwar l-applikazzjoni tal-għajnuna fiskali mill-Istat. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Il-Kunsill u l-Istati Membri se jirrieżaminaw id-dispożizzjonijiet tal-qafas sentejn wara l-adozzjoni tiegħu;

27. Jilqa' l-iskambju ta' fehmiet ma' Lyudmila Petkova, President tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, fid-19 ta' April 2021; jistieden lill-President tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta tidher/jidher mill-inqas darba fis-sena quddiem il-Parlament fi smigħ pubbliku u tippreżenta/jippreżenta r-rapport ta' progress lill-Kunsill;

28. Jilqa' l-pubblikazzjoni tar-rapporti biennali tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill; jemmen li għandha tinħoloq għodda online dedikata biex jiġi evitat li jkun hemm dipendenza biss mill-konklużjonijiet tal-Kunsill biex tinkiseb informazzjoni essenzjali dwar il-politika tat-taxxa fil-livell tal-UE; japprezza l-isforzi li saru biex jinħarġu d-dokumenti u l-ħidma relatati mal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta; jitlob li l-informazzjoni pubblika ssir disponibbli fuq pjattaforma li tkun faċli għall-utent biex jużaha;

29. Jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta jistieden lill-Membri tal-Parlament Ewropew għad-diskussjonijiet tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta bħala osservaturi; iħeġġeġ lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex jagħmel streaming pubbliku ta' wħud mil-laqgħat tiegħu meta dawn ma jkunux jeħtieġu deliberazzjonijiet kunfidenzjali;

°

° °

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fil-bidu tas-snin 90 l-Unjoni kienet diġà mħassba dwar il-fenomenu tal-kompetizzjoni aggressiva tat-taxxa minħabba li seta' jpoġġi f'riskju l-integrità tas-Suq Uniku. Sabiex tiġġieled kontra prattiki tat-taxxa dannużi, fl-1997 l-Unjoni adottat Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi segwit mill-istabbiliment ta' Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex jivvaluta miżuri tat-taxxa li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Fi żmien meta qed jitfaċċaw sfidi ġodda, bħall-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u r-rwol akbar tal-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) fl-ekonomija globali, l-Unjoni għad għandha rwol sinifikanti fit-tnaqqis tal-kompetizzjoni inġusta fit-taxxa. Huwa essenzjali mhux biss li l-Istati Membri jikkooperaw aħjar bejniethom u jżidu t-trasparenza fi kwistjonijiet tat-taxxa, iżda wkoll li jżidu l-kunsens dwar objettivi komuni f'dan il-qasam, b'mod partikolari r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji u l-ġlieda kontra l-ottimizzazzjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni.

Il-kompetizzjoni ħarxa fit-taxxa bejn l-Istati Membri tippermetti l-inġinerija tat-taxxa tal-MNEs biex jevitaw it-tassazzjoni fuq frazzjoni sostanzjali mill-profitti tagħhom. Il-profitti li għandhom jiġu ntaxxati fl-Istat Membru fejn isiru ħafna drabi jispiċċaw jiġu ntaxxati b'mod aktar klementi (jew ma jiġu intaxxati xejn) fi Stat Membru differenti fejn il-politiki tat-taxxa jkunu nħolqu u ġew imfassla biex jiffavorixxu lil korporazzjonijiet kbar u lill-MNEs. In-natura tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi evolviet matul l-aħħar deċennji u tfaċċaw forom ġodda ta' prattiki dwar it-taxxa dannużi, b'mod partikolari permezz tat-trasformazzjoni ta' reġimi preferenzjali f'reġimi ġenerali aggressivi u għalhekk il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jiġi pprovdut bl-għodod meħtieġa biex tiġi vvalutata n-natura dannuża tas-sistemi tat-taxxa f'termini ġenerali. L-għan ma jkunx li l-Istati Membri ma jitħallewx jadottaw miżuri tat-taxxa effiċjenti u raġonevoli marbuta mal-ekonomija reali li jistgħu jwasslu biex l-ekonomija tagħhom tikber għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-kumpaniji tagħhom, iżda li jiġi evitat li l-miżuri tat-taxxa li jadottaw ikunu dannużi u b'mod inġust inaqqru l-bażi tat-taxxa ta' Stati Membri oħra.

Il-gvernijiet jitilfu EUR 1 000 biljun fis-sena minħabba l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Kull euro li huwa dovut u li ma jitħallasx fejn għandu jitħallas huwa euro misruq mingħand il-ħaddiema, il-persuni qiegħda u l-morda. Hija daqqa ta' ħarta għas-solidarjetà.

Il-proliferazzjoni ta' skandli tat-taxxa fl-aħħar għaxar snin (Lux Leaks, Panama Papers, Paradise Papers, eċċ.) li jinvolvu korporazzjonijiet multinazzjonali u individwi b'valur nett żvelat il-firxa u s-serjetà ta' dawn il-fenomeni u l-urġenza li jinstabu soluzzjonijiet definittivi biex dawn jingħelbu. Il-kompetizzjoni tat-taxxa bla rażan bejn l-Istati Membri hija l-espressjoni ta' kollass sfortunat tas-solidarjetà fl-Unjoni u trid tintemm.

Il-kompetizzjoni aggressiva tat-taxxa bejn l-Istati Membri għandha wkoll l-effett pervers ta' diskriminazzjoni kontra l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li ma għandhomx il-kapaċità li jieħdu vantaġġ minn lakuni fis-sistemi tat-taxxa nazzjonali jew huma esklużi b'mod ċar jew indirettament mill-politiki tat-taxxa maħsuba u stabbiliti għall-benefiċċju esklużiv tal-MNEs. Barra minn hekk, meta l-kontribwenti jaraw lill-MNEs jevitaw it-taxxa fuq l-introjtu b'mod legali, dan jimmina l-konformità volontarja mill-kontribwenti kollha.

Hemm bżonn ta' regoli Ewropej komuni. Il-kompetizzjoni tat-taxxa bejn l-Istati Membri hija ta' ħsara għall-ekonomija Ewropea. Huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet fiskali u ekonomiċi vijabbli kemm għas-servizzi pubbliċi kif ukoll għan-negozji biex jistabbilixxu sistema komuni ta' tassazzjoni li tkun ġusta, effiċjenti u li twassal għal żvilupp ekonomiku sostenibbli. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regoli tat-taxxa huwa pjuttost vantaġġ mhux mistenni għall-MNEs u jpoġġi lill-SMEs fi żvantaġġ. Huwa inaċċettabbli li l-Istati Membri jikkompetu b'mod aggressiv ma' xulxin f'Unjoni bbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u li l-MNEs jistgħu "jagħżlu liema taxxa jridu" fl-Unjoni. Din il-kompetizzjoni tiffavorixxi r-rilokazzjonijiet intra-Ewropej u essenzjalment tħeġġeġ lill-MNEs ifittxu postijiet b'kostijiet tat-taxxa aktar baxxi għad-detriment tal-Istati Membri fejn fil-fatt isiru l-profitti.

Il-kompetizzjoni aggressiva tat-taxxa mhijiex fenomenu limitat għall-Unjoni Ewropea. Kienet ukoll problema kbira fil-livell internazzjonali; fil-fatt fl-1998, l-OECD kienet diġà stabbiliet Forum dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi biex jiġu miġġielda r-reġimi tat-taxxa preferenzjali li jirriżultaw fl-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt. Aktar reċentement, il-Punt ta' Azzjoni 5 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS jimpenja lill-Forum dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi biex jerġa' jagħti l-ħajja lill-ħidma tiegħu dwar il-Prattiki tat-Taxxa Dannużi bi prijorità fuq it-titjib tat-trasparenza u fuq il-ħtieġa ta' attività sostanzjali għal kwalunkwe reġim preferenzjali biex ma jitqiesx bħala dannuż.

Barra minn hekk, l-OECD dan l-aħħar reġgħet bdiet in-negozjati fl-ambitu tal-BEPS 2.0 strutturati madwar żewġ pilastri.

Il-Pilastru 1 għandu l-għan li jadatta s-sistema internazzjonali tat-taxxa fuq l-introjtu għal mudelli ġodda ta' negozju li ħarġu fl-ekonomija diġitali permezz ta' bidliet fir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-profitti u r-rabta applikabbli għall-profitti tan-negozju. Huwa mistenni li l-Pilastru 1 jipprovdi tweġiba sodisfaċenti, fost l-oħrajn, għall-attività ekonomika konsiderevoli u profittabbli li hija immuni għat-tassazzjoni minħabba n-nuqqas ta' "stabbiliment permanenti".

Il-Pilastru 2 huwa ffukat fuq taxxa minima globali maħsuba biex tindirizza l-kwistjonijiet li jifdal marbuta mal-BEPS. Il-pilastru jiffoka fuq id-dritt tal-intaxxar meta ġurisdizzjonijiet oħra ma jeżerċitawx drittijiet ta' tassazzjoni jew jintaxxaw "ftit wisq" u, b'dan il-mod, huwa mistenni li se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tinqered il-kompetizzjoni aggressiva tat-taxxa. Il-Pilastru 2 huwa mfassal biex jiżgura li l-MNEs iħallsu livell minimu ta' taxxa irrispettivament minn fejn ikunu l-uffiċċji ewlenin tagħhom jew f'liema ġurisdizzjonijiet joperaw.

In-negozjati dwar dawn iż-żewġ strumenti internazzjonali raw dewmien minħabba r-retiċenza tal-amministrazzjoni Trump tal-Istati Uniti iżda dan l-aħħar reġgħu bdew wara l-elezzjoni tal-President Biden, bl-amministrazzjoni tiegħu terġa' tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-Qafas Inklużiv tal-OECD. Filwaqt li qed isiru sforzi biex jinstabu soluzzjonijiet fl-ambitu tal-Pilastru 1 li jistgħu jissodisfaw lill-partijiet kollha, il-President Biden diġà esprima appoġġ sod għall-Pilastru 2 fid-dokument ta' politika tiegħu "The made in America tax Plan" (Il-Pjan tat-Taxxa magħmul fl-Amerka) (https://home.treasury.gov/system/files/136/MadeInAmericaTaxPlan_Report.pdf).

L-OECD għandha l-għan li tilħaq ftehim dwar il-proposti tal-Pilastri 1 u 2 sa nofs l-2021. Ir-

rapporteur hija tal-fehma li din għandha tkun l-ambizzjoni wkoll tal-Unjoni Ewropea u tħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjan għal implimentazzjoni rapida u xierqa taż-żewġ Pilastri, inkluż bl-użu tal-eżitu tal-Pilastru II biex jiġi ddefinit mill-ġdid x'inhuma l-prattiki dannużi u biex dawn jiġu mmonitorjati b'Kodiċi ta' Kondotta riformat.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.7.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 44<br>–: 6<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gunnar Beck, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Lars Patrick Berg, Stefan Berger, Francesca Donato, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Sven Giegold, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Jörg Meuthen, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni, Roberts Zīle |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Manon Aubry, Herbert Dorfmann, Eugen Jurzyca, Eva Kaili, Margarida Marques, Jessica Polfjärd, Stéphane Séjourné |

# VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 44 | + |
|---|---|
| ID | Francesca Donato, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni |
| PPE | Stefan Berger, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Georgios Kyrtsos, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Jessica Polfjärd, Ralf Seekatz, Inese Vaidere |
| Renew | Engin Eroglu, Luis Garicano, Dragoş Pîslaru, Stéphane Séjourné, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Marek Belka, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Eva Kaili, Aurore Lalucq, Margarida Marques, Pedro Marques, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Joachim Schuster, Paul Tang, Irene Tinagli |
| The Left | Manon Aubry, José Gusmão |
| Verts/ALE | Sven Giegold, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun |

| 6 | - |
|---|---|
| ECR | Lars Patrick Berg, Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Johan Van Overtveldt, Roberts Zīle |
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ID | Gunnar Beck, France Jamet, Jörg Meuthen |
| PPE | Isabel Benjumea Benjumea, Frances Fitzgerald |
| Renew | Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal |

It-tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet